# LIL ĠUŻE' GALEA

Hawn min jiġġerra ma' l-għoljiet xemxija
Ta' Elikona qalb il-ward u l-ħdura,
U, mgħaxxaq b'dik il-għanja tan-natura,
Minn qalbu jsawwab l-oħla poeżija.

Hemm ukoll min iħobb satra dellija,
U, miġbur fih innifsu, jarġa' lura
Fuq il-ġrajja ta' ġensu u jfittli s-sura
Tagħhom bid-deheb tal-filosofija.

Inti, Raġel bil-Għaqal, għarrixt sewwa
Fil-qalb u l-ħsieb ta' ġensna u rajt sedqithom
Ħelwa mal-ħbieb u ħarxa ma' l-għedewwa.

Għallimtna li għerf wieħed qatt ma falla:
Imutu l-ħżiena u magħhom tgħib kburithom,
Jirbaħ iċ-ċkejken għaliex jitma f'Alla.

3.9.46 DUN KARM

## DR. WALLACE PH. GULIA, PRESIDENT TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI, MAĦTUR IMĦALLEF TAL-QRATI SUPERJURI

**Inħabbru bi pjaċir illi Dr. Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manchester), D.P.A. Lond.), Avukat Anzjan tar-Repubblika, 'Lecturer' fil-Liġi Amministrattiva fl-Università ta' Malta, u President ta' l-Akkademja tal-Malti, ġie maħtur biex ikun Imħallef tal-Qrati Superjuri b'seħħ mit-12 ta' Mejju, 1982.**

**Il-Kunsill u l-Membri kollha ta' l-Akkademja, filwaqt li jilqgħu b'ferħ din l-aħbar, li waslet meta konna qegħdin inhejju l istampa ta' dan il-għadd speċjali, jieħdu b'idejn l-Imħallef Gulia għal dan il-ġieh li jirrifletti mhux biss fuqu nnifsu bħala professjonista speċjalizzat fil prattika u fit-tagħlim tax-xjenza leġislattiva u amministrattiva, imma wkoll ta' l-Akkademja li tagħha ilu President għal bosta snin.**

**Miegħu nifirħu wkoll lil martu, is-Sinjura Nancy, u liż-żewġ uliedu Myra u Gabrielle.**

**Lill-Imħallef Wallace Gulia nawgurawlu suċċessi ġodda fil-kariga għolja tiegħu filwaqt li nittamaw li jibqa' jmexxi l-Akkademja tal-Malti bil-għaqal u l-prudenza b'riżq il-Lsien Malti li huwa tant iħobb.**